MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2002

Rikors Numru. 1/2001/1

**Mary Lourdes Scallpellato**

**Vs**

**Antonio Sammut**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti qalet;

Illi hija tikri l-fond Tonio House, Victory Street, Qormi lill-intimat ghall-kera ta’ tnejn u sittin lira Maltin (Lm62) fis-sena.

Illi l-post ilu mikri ghand l-intimat ghal dawn l-ahhar 40 sena.

Illi l-kera jisthoqqilha li tkun riveduta u awmentata.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jogghbu jawmenta l-kera tal-fond fuq citat ghal dik is-somma li jistabilixxi l-Bord bhala kera gusta.

Ra r-risposta;

1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat Antonio Sammut miet fid-19 ta' Jannar 2001, u l-inkwilina odjerna hija l-armla Georgia Sammut.

2. Preliminarjament, illi r-rikors promotur huwa null billi:-
a) jonqos ir-rekwiziti li tezigi l-Ligi; u
b) stante li l-kera tissupera l-Lm40 fis-sena, il-procedura stabbilita fl-Art. 14 (2) tal-Kap. 69 ma tippermettix talba simili.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-fond ma haqqux awment fil-kera.

Ikkonsidra,

1. Din hi talba ghal zieda fil-kera u l-Bord hu tal-fehma li ghandu jiddeciedi fuq in-nullita' jew le tar-rikors biex ma jibqax jintilef zmien.

2. Billi l-kera tal-fond hu ta' aktar minn erbghin (40) lira fis-sena il-procedura kellha tkun dik imsemmija fl-Art. 14(2) tal-Kap. 69. Hawnhekk giet addottata l-procedura msemmija fl-Art. 14 (1).

3. Il-procedura hi ta' ordni pubblika. Bi zvista il-Bord lahaq hatar periti teknici li hejjew rapport imma l-Bord ma jistax imur kontra l-procedura.

4. Ghalhekk il-Bord jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat jiddikjara r-rikors irritu u null u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju; l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti; jibqghu shah jeddijiet ohra li jista' jkollha l-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------